**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**DYLAN MIFSUD**

(ID no. 348695M)

**Illum, id-19 ta' Lulju 2022**

**Kaz Nru; 71/2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Dylan Mifsud** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena bin Censu u Charmaine nee' Cordina, imwieled l-Pieta' nhar it-13 ta' Awwissu 1995, residenti gewwa 11, Sqaq il-Gerrejja, il-Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 348695M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Settembru 2017 u fil-gimghat ta' qabel:

1) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu; u
2) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda;

Rat id dokumenti esebieti u l-atti processwali kollha, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri data 28 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema dina l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet,

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghat-3 ta' Settembru 2017 meta xi ufficjali tal-pulizija fi hdan ir-*Rapid Intervention Unit* waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBD-704 fl-inhawi ta' Triq il-Gerrejja, gewwa l-Marsa. Is-sewwieq ta' din il-vettura kien Karl Zahra filwaqt li l-qua imputat, Dylan Mifsud, kien l-uniku passigier fl-istess vettura. Saret tfittxija fuq iz-zewg persuni inkluz fl-imsemmija vettura. Minn fuq is-sewwieq gew elevati zewg pakketti suspettati Cannabis. Minn fuq il-persuna ta' Mifsud, senjatament fil-but tal-qalziet, il-pulizija elevaw tlettax-il pakkett suspettati Cannabis. Konsegwentament l-imputat gie arrestat u mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjonijiet. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat ukoll fejn hemmhekk gie elevat qartas iehor suspettat cannabis.

Waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija, Mifsud gie interrogat u dan wara li gie mghoti d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt ghall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-istqarrija. Mifsud irrinunzja ghad-dritt ghall-assistenza legali u ta' dan iffirma dikjarazzjoni li giet esebieta bhala Dok. MB fl-atti processwali odjerni. Fl-istqarrija rrillaxxata minnu l-qua imputat spjega li bhala xoghol huwa jnaddaf l-istallel fejn jaqla madwar Eur. 30 kuljum. Jikkonferma li l-pakketti tal-Cannabis li nstabu fuq il-persuna tieghu mill-pulizija kienu tieghu u li kienu intizi unikament ghall-uzu tieghu. Jispjega li huwa kien beda juza' l-Cannabis meta kellu madwar 18-il sena wara li kien qabad kumpanija ta' hbieb hazina u li llum jiehu bejn wiehed u tlett joints kuljum. Jispjega li l-ahhar li ghamel uzu mill-kannabis kien gurnata qabel li ttiehdet l-imsemmija stqarrija u li kien reggha beda jaghmel uzu mill-imsemmija sustanza madwar xahar u nofs qabel, wara li kien ghamel xi zmien wieqaf ghax kien qed jigi segwiet minn ufficjal tal-probation. Fl-istqarrija spjega ukoll li meta gie arrestat mill-pulizija huwa kien mar il-Marsa sabiex jixtri pakkett wiehed madanakollu waqaf wiehed

iswed, talbu jistenna, u meta reggha gie lura tah il-pakketti kollha li sabu l-pulizija fuqu. Huwa spjega li l-istess persuna kien talbu jehodhom kollha u heddu bil-mewt. L-imputat qal li huwa beza, kien tah Eur. 10 u kien hadhom kollha hekk kif mitlub. L-imputat spjega ukoll li l-persuna li minghandha kien xtara l-Cannabis kellha ttih xi flus talli l-imputat kien irrangalu kamra fejn joqghod. Mifsud jammetti li l-pakkett li nstab fir-residenza tieghu kien tieghu ukoll izda jghid li kien nesieh. Jghid ukoll li huwa jixtri l-Cannabis ghal prezz ta' Eur. 10 kull pakkett u kien jonfoq qisu madwar Eur. 40 fil-gimgha. Fl-istess stqarrija jiddikjara ukoll li huwa qatt ma kien ghadda d-droga lil terzi persuni.

Is-sewwieq, Karl Zahra, jikkonferma li dakinhar tal-arrest taghhom huwa kien intalab mill-imputat itih lift. Huwa jispjega li kien accetta madanakollu ma kienx konsapevoli tad-droga li kellu fil-pussess tieghu l-imputat.

Illi l-allegata sustanza cannabis giet esebita fl-atti processwali odjerni u analizata mix-xjenzat Godwin Sammut li kien mahtur minn dina l-Qorti ghal dan il-ghan. Sammut wara li ghamel id-debita analizi, kkonkluda:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-buds ta' lewn hodor li hemm fid-dokument 096_22_01 (P vs. Dylan Mifsud) instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz totali tal-buds kien ta' 12.68 grammi u l-purita' kienet ta' circa 2%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III, Sezzjoni 8, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat jinsab akkuzat tali kien fil-pussess tal-pjanta Cannabis f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u kif ukoll b'pussess semplici tal-Kannabis.

Illi d-difiza fl-ebda hin ma kkontestat li s-sachets tal-Cannabis instabu fil-pussess fiziku u taht il-kontroll tal-imputat. Dak li d-difiza qed tikkontendi huwa li l-cannabis misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza biss ghall-uzu tieghu b'mod esklussiv. Tenut kont ta' dan kif ukoll tenut kont tax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li ghamlu l-imsemmija tfittxija u l-istqarrija tal-imputat, dina l-Qorti hija tal-fehma li gie sodisfacentament ippruvat li l-qua imputat instab fil-pussess fiziku ta' erbatax-il pakkett kontenenti pjanta Cannabis u li tali pussess kien wiehed xjenti.

Fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Marius Magri**[1] nghad:

> *"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur*

[1] 12.05.2005

*f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

L-istess Qorti fis-sentenza il-**Pulizija vs. Brian Caruana** mghotija fit-23 ta' Mejju 2002 iddikjarat:

*"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*

**Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi nghad:**

*" … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Fil-kaz odjern il-qua imputat instab fil-pussess xjenti ta' erbatax-il pakkett Cannabis. Tlettax fuq il-persuna tieghu u wiehed fir-residenza tieghu. L-imputat jammetti ukoll li huwa jaghmel uzu frekwenti mill-istess sustanza. Madanakollu huwa jinnega li qatt traffika jew inkella kellu l-intenzjoni li jitraffika l-istess sustanzi.

Jibda biex jinghad li dwar l-uniku pakkett li nstab fir-residenza tieghu, dina l-Qorti, hija tal-fehma li dan kien intiz unikament ghall-uzu personali. Dana tenut kont l-ammont zghir, il-post li fih instab (gewwa r-residenza) kif ukoll il-fatt li l-imputat jaghmel uzu mill-Cannabis.

Madanakollu mhux l-istess jista' jinghad ghat-tlettax-il pakkett li nstabu fuq il-persuna tieghu wara li twaqqaf mill-pulizija waqt li kien f'vettura flimkien ma'

persuna ohra fil-Marsa. Jibda biex jinghad li n-numru ta' pakketti misjuba fil-pussess tal-imputat kien wiehed sostanzjali u li normalment tali ammont huwa indikattiv ta' spacc. Dawn il-pakketti ma nstabux fir-residenza tal-imputat izda waqt li l-imputat kien barra mill-istess residenza flimkien ma persuna ohra fil-vettura tieghu. L-imsemmija pakketti kienu mqassma f'pizijiet ferm simili: 0.90g; 0.84g; 0.88g; 0.89g; 0.93g; 1.15g; 0.94g; 0.76g; 0.95g; 0.69g; 0.90g; 0.93g; 0.99g u 0.93g.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu li ttiehdet skond il-ligi hekk kif inhi vigenti llum il-gurnata, jipprova jispjega c-cirkostanzi li fihom instab fil-pussess t'ammont sostanzjali ta' pakketti kontenenti Cannabis. Madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti l-verzjoni mghotija mill-imputat ma hijiex wahda li ghandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok ma huwiex vero simili li persuna tghaddielu l-ammont sostanzjali ta' tlettax-il pakkett, minghajr hlas adegwat (galadarba l-imputat jghid li kien hallsu biss ta' sachet wiehed u cioe' Eur. 10) specjalment meta l-imputat ma kienx saqsa ghal dak l-ammont ta' pakketti. Lanqas ma ghandha mis-sewwa li dan il-persuna kellu jhedded lill-imputat biex huwa jiehu pussess ta' dawn it-tlettax -il pakkett. Fl-ahhar net jinghad ukoll li lanqas ma ghandu mis-sewwa meta l-imputat iddikjara li huwa accetta l-istess pakketti ghax beza 'mill-iswed' meta Mifsud fl-istess stqarrija jiddikjara li huwa kien jaf lil dan il-persuna precedentament ghall-fatti mertu tal-proceduri odjerni ghaliex kien assistieh isib residenza. Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, ic-cirkostanzi li fihom il-qua imputat instab fil-pussess xjenti tat-tlettax-il pakkett Cannabis huma indikattivi tal-fatt l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv ta' Mifsud. Konsegwentament l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata.

Ghal dak li jirrigwarda l-pussess semplici tal-Cannabis, oltre dak iddikjarat f'din is-sentenza fir-rigward tal-pakkett ta' Cannabis li nstab fir-residenza tal-imputat, l-istess imputat jammetti fl-istqarrija li huwa jikkonsma din is-sustanza, fejn huwa jiehu bejn pakkett u tlett pakketti kuljum. Konsegwentament din l-imputazzjoni giet ukoll ukoll ippruvata.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tqis in-natura u c-cirkostanzi tar-reati li taghhom ser jinsab hati (inkluz in-natura u l-ammont ta' droga) u l-fedina penali tal-imputat. Din il-Qorti tqis ukoll li t-tieni imputazzjoni hija kompriza fl-ewwel imputazzjoni li taghha l-qua imputat ser jinsab hati.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 8(d); 22(1)(a); 22(2)(b)(i)u(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil qua imputat, Dylan Mifsud, hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija effettiva kif ukoll ghall-**

**hlas ta' multa ta' sitt mitt Ewro (Eur. 600)** li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (Eur. 50) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien sena millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Dylan Mifsud sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 313.74 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**